# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 3: Nieħdu ħsieb xulxin**

**Lezzjoni 3.4: 'Għall-kelma tiegħek nitfa x-xbiek'**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jiddiskutu  dwar il-ħajja ta' Ġesù.
2. Janalizzaw x'kellu speċjali Ġesù.
3. Jagħrfu kif kien jgħallem u kif kien iġib ruħu.
4. Jisimgħu u janalizzaw il-ġrajja tal-Kotra tal-ħut – Lq 5, 1-8.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Il-vidjow klipp: *The catch of fish*

  http://www.youtube.com/watch?v=NxR2NYTyeyY

- Karta ta' Taħriġ 3.3

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda billi turi l-istampi tas-siġar u staqsi x’qed jidher fl-istampi.
- Wassal il-punt li s-sigar tal-frott kienu mdawrin bl-imħabba u l-kura u allura taw il-frott. Mill-banda l-oħra fejn hemm sigar mitluqa donnu li s-siġar tħallew weħidhom u allura ma setgħux jikbru kif suppost u jagħtu l-frott.
- Fiehem lill-istudenti li persuni li jħobbuna huma dawk li jgħinuna allavolja mhux dejjem nifhmu dan.  Huma juruna x’għandna nagħmlu biex nikbru bil-għaqal u nkunu kapaċi nitgħallmu nagħrfu dejjem aktar it-tajjeb mill-ħażin.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Ippreżenta lil Ġesù bħala l-aqwa bidwi – l-aqwa Għalliem, dak li jgħin lil kulħadd (lilna s-siġar) biex nikbru  bil-għaqal (u allura nagħmlu l-frott).
  - Spjega kif l-ewwel siġar li kibru għax sabu l-għajnuna u kienu kkultivati kienu l-appostli.
  - Fakkar li lil Ġesù ħabbewh u kienu lesti jagħmlu dak li jgħidilhom.
  - Uri l-klipp : Il-qabda tal-ħut (Lq 5, 1-8).
  - Stieden lill-istudenti jaqsmu ma’ xulxin dak li jkun laqathom f’din il-klipp.
  - Oħroġ il-fatturi: l-imħabba u l-interess ta’ Ġesù – l-ubbidjenza u l-imħabba tal-appostli lejh.
  - Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 3.3. Aqra s-silta mogħtija u wara li tispjegaha, stieden lill-istudenti biex fi gruppi jiddiskutu u jaħdmu Attività A u wara jsir qsim ta’ dak li jkun inkiteb.
  - Aqra Attività B u fuq bażi ta’ klassi wara li taqra s-silta mogħtija għen lill-istudenti u flimkien għaqqdu l-istorja:

1. Ġesù qagħad jgħallem mid-dgħajsa ta’ Pietru.
2. Wara talab lil Pietru jitfa’ x-xbiek il-baħar.
3. Pietru wrieh li kienu ilhom lejl sħiħ u ma qabdu xejn.
4. Imma Pietru obda u tefa’ x-xdbiek.
5. Tant kienet kbira l-qabda li kellhom isejħu dgħajsa oħra.

Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.

- Xi risposti jistgħu jkunu:

A) ċkejken, imbellah, skantat.

B) moħħ mistrieh – qed jagħmel li hemm bżonn – ikanta vittorja.

- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt għalkemm xi kultant dak li jkun mitlub minna ma nifhmuhx, jew ikun ta’ dwejjaq għalina, meta nagħmlu li hemm bżonn nirbħu tassew.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Siġra tajba tingħaraf mill-frott tagħha u siġra ħażina tingħaraf mill-frott ħażin.
2. Ġesù kien l-aqwa għalliem għax ħadd daqsu ma għex u għamel ir-rieda t’Alla.
3. Ġesù qalilna: ‘ Mill-frottijiet tagħhom intom tagħrfuhom.’
4. Minn dak li wieħed jagħmel jinkixef x’tip ta’ bniedem hu.
5. L-istorja tal-kotra tal-ħut - Lq 5, 1-8.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



L-istudenti jagħrfu dak li jkun hemm bżonn allovalja xi kultant ma jifhmux u jkun kontra qalbhom.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

The catch of fish.



http://www.youtube.com/watch?v=NxR2NYTyeyY –

**Nitolbu**



Sinjur Alla, jien għadni żgħir/a. Mhux dejjem nifhem dak li jkun qiegħed jitlob minni ħaddieħor li jħobbni. Agħtini l-għajnuna biex nobdi bil-qalb.